

Brussell, 23 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12643/25

RECH 377
ATO 70

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) mal-Ftehim Qafas il-ġdid għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (Euratom) 2025/...

ta' ...

**dwar l-ażenżjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom)
mal-Ftehim Qafas il-ġdid għall-kollaborazzjoni internazzjonali
fir-riċerka u l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Billi:

- (1) F'Lulju 2001, l-Arġentina, il-Brażil, il-Kanada, Franza, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Afrika t'Isfel, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerka nedew il-Karta li tistabbilixxi l-Forum Internazzjonali Ġenerazzjoni IV (il-Karta tal-GIF) bħala impenn internazzjonali kooperattiv sabiex iwettqu r-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) neċessarji biex jittestjaw il-fattibbiltà u l-prestazzjoni tas-sistemi nukleari tar-raba' ġenerazzjoni, u biex jagħmluhom disponibbli għall-varar industrijali sal-2030.
- (2) Sussegwentement, il-Karta tal-GIF ġiet iffirmata mill-Iżvizzera fit-18 ta' Frar 2002, mill-Federazzjoni Russa fis-27 ta' Novembru 2006, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fit-28 ta' Novembru 2006 u mill-Awstralja fit-22 ta' Ġunju 2016.
- (3) Il-Komunità Ewropea tal-enerġija Atomika (Euratom) aderiet mal-GIF fit-30 ta' Lulju 2003 billi ffirmat il-Karta tal-GIF.
- (4) Il-kooperazzjoni u l-iskambju internazzjonali fir-R&Ż tat-teknoloġija relatata mal-enerġija nukleari previsti fil-qafas tal-GIF kienu jeħtieġu qafas legali li jipprovdi sigurtà legali lill-partiċipanti, b'mod partikolari bl-għan li jiġu protetti d-drittijiet iġġenerati permezz tal-ħidma ta' riċerka, bħad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.
- (5) Għal dak l-għan, il-Partijiet tal-GIF qablu dwar Ftehim Qafas li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni u għall-arranġamenti għal sistemi u għal proġetti sussegwenti (il-Ftehim Qafas), li l-Euratom aderiet miegħu fl-2006.
- (6) Fl-2015, il-Ftehim Qafas ġie estiż għal perjodu ta' 10 snin oħrajn u ser jiskadi fit-28 ta' Frar 2025.

- (7) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-proġetti ta' riċerka u tal-attivitajiet tal-GIF li għaddejjin bħalissa, l-Istati li huma Partijiet b'rieda reċiproka għall-Ftehim Qafas innegozjaw tiġdid tal-Ftehim Qafas, fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika kurrenti.
- (8) Il-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-proġetti ta' R&Ż tal-GIF ser tibqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programm Qafas ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom.
- (9) Kwalunkwe Stat Membru, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi jew privati tiegħu jew l-industrija tiegħu jistgħu jgħaddu l-kontribut dirett tagħhom għal dawk il-proġetti ta' R&Ż permezz tal-adeżjoni tal-Euratom mal-Ftehim Qafas.
- (10) L-adeżjoni tal-Euratom mal-Ftehim Qafas il-ġdid jenħtieġ għalhekk li tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

L-adeżjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mal-Ftehim Qafas għall-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-iżvilupp ta' Sistemi ta' Enerġija Nukleari tal-Ġenerazzjoni IV meħmuż hija b'dan approvata.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
